



IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 6.12.2017
COM(2017) 823 final

**KOMUNIKAZZJONI TAL-KUMMISSJONI LILL-PARLAMENT EWROPEW,
LILL-KUNSILL EWROPEW, LILL-KUNSILL U LILL-BANK ĊENTRALI
EWROPEW**

MINISTRU EWROPEW TAL-EKONOMIJA U L-FINANZI

1. INTRODUZZJONI

Fid-diskors tiegħu tal-2017 dwar l-Istat tal-Unjoni u fl-Ittra ta' Intenzjoni, il-President Juncker semma l-ħolqien possibbli tal-kariga ta' Ministru Ewropew tal-Ekonomija u l-Finanzi¹. Fi kliemu, *“il-Kummissarju għall-Affarijiet Ekonomiċi u Finanzjarji — idealment wkoll Viċi President — għandu jassumi r-rwol ta' Ministru tal-Ekonomija u l-Finanzi. Hu jew hi għandu/ħa jtippresiedi wkoll il-Grupp tal-Euro.”* Din il-Komunikazzjoni tibni fuq dik l-aħbar. Tibni fuq id-dibattitu msawwar skont id-Dokument ta' Riflessjoni dwar l-approfondiment tal-Unjoni Ekonomika u Monetarja² u tiżviluppa mod prattiku biex nimxu 'l quddiem. Barra minn jekk, tibni fuq l-ideat tar-Rapport tal-Ħames Presidenti³, l-ideat espressi mill-Parlament Ewropew⁴ u dawk tas-Summit taż-Żona tal-Euro f'Ottubru 2011, fejn il-Kapijiet ta' Stat u ta' Gvern diġà ddiskutew il-possibbiltà ta' President tal-Grupp tal-Euro full-time⁵.

L-arkitettura attwali tal-Unjoni Ekonomika u Monetarja hija intrinsikament kumplessa. Meta mqabbla mal-politika monetarja, li hija unifikata għall-Istati Membri taż-Żona tal-Euro u identifikata faċilment miċ-ċittadini, il-politika ekonomika hija essenzjalment immexxija mill-Istati Membri individwali u l-isforzi ta' koordinazzjoni fil-livell tal-UE u taż-Żona tal-Euro huma mwettqa minn bosta atturi. L-istituzzjonijiet relevanti evolwew b'mod inkrementali maż-żmien u jikkombinaw l-istituzzjonijiet tal-UE u ta' xi korpi intergovernattivi. Dawn il-korpi għandhom il-presidenti tagħhom stess, żviluppaw għalihom infushom sistemi ta' kontabbiltà u jaħdmu taħt oqfsa legali differenti u li xi kultant jidħlu f'xulxin. Dan wassal għal proċessi tat-teħid ta' deċiżjonijiet kumplessi, li ta' spiss ġew ikkritikati għax mhumiex suffiċjentement komprensibbli u effiċjenti. Dan ifisser ukoll li l-politiki u l-istrumenti tal-UE jeħtieġu ħafna koordinazzjoni bejn l-atturi biex jiġu applikati b'mod koerenti għal kollox.

Kif enfasizzat fir-Rapport tal-Ħames Presidenti, governanza effettiva u aktar tisħiħ tal-akkontabbiltà demokratika huma partijiet essenzjali fit-tlestija tal-Unjoni Ekonomika u Monetarja. Il-ħolqien ta' Ministru Ewropew tal-Ekonomija u l-Finanzi se jkun pass ieħor importanti f'din id-direzzjoni. Billi jgħaqqad funzjonijiet eżistenti fil-livell tal-UE u jiġbor flimkien strumenti ta' politika marbuta mill-qrib, il-Ministru jgħin biex jinħolqu sinerġiji u b'hekk tittejjeb il-koerenza u l-effikaċja ġenerali tat-tfassil tal-politika ekonomika tal-UE. Filwaqt li jaġixxi fil-qafas legali tal-UE, il-Ministru se jikkontribwixxi wkoll sabiex tisaħħaħ it-trasparenza tat-tfassil tal-politika tal-UE, l-akkontabbiltà lejn il-Parlament Ewropew u l-interazzjoni mal-awtoritajiet nazzjonali, mingħajr ma jkollu effett fuq il-kompetenzi nazzjonali jew fuq kwistjonijiet li jistgħu jiġu indirizzati l-aħjar fil-livell nazzjonali.

F'dawn l-aħħar snin il-Kummissjoni żiedet gradwalment il-koordinazzjoni tal-kwistjonijiet ekonomiċi ġewwa l-Kulleġġ. Taħt il-Kummissjoni ta' Juncker, ir-rwol tal-Viċi Presidenti, inkluż fi kwistjonijiet dwar l-euro u s-Semestru Ewropew tal-koordinazzjoni tal-politika ekonomika, ġie

¹ Id-Diskors tal-2017 tal-President Jean-Claude Juncker dwar l-Istat tal-Unjoni, it-13 ta' Settembru 2017.

² COM(2017) 291, il-31 ta' Mejju 2017.


³ Nikkompletaw l-Unjoni Ekonomika u Monetarja Ewropea, Rapport ta' Jean-Claude Juncker, b'kooperazzjoni mill-qrib ma' Donald Tusk, Jeroen Dijsselbloem, Mario Draghi u Martin Schulz, it-22 ta' Ġunju 2015.

⁴ Fir-riżoluzzjoni tiegħu tas-16 ta' Frar 2017 dwar evoluzzjonijiet u aġġustamenti possibbli tal-istruttura istituzzjonali attwali tal-Unjoni Ewropea, il-Parlament Ewropew sejjaħ għal “awtorità eżekuttiva [tal-Unjoni] li tkun ikkoncestrata fil-Kummissjoni, fir-rwol ta' Ministru tal-Finanzi tal-UE”.

⁵ Matul is-Summit taż-Żona tal-Euro fis-26 ta' Ottubru 2011, il-Kapijiet ta' Stat jew ta' Gvern taż-Żona tal-Euro qablu dwar 10 miżuri biex tittejjeb il-governanza taż-Żona tal-Euro, fejn kien miftiehem li d-deċiżjoni dwar jekk il-President tal-Grupp tal-Euro “għandux jiġi elett minn fost il-Membri tal-Grupp tal-Euro jew ikun President full-time b'sede fi Brussell se tittieħed wara li jiskadi l-mandat tal-kariga attwali”.

msaħħaħ aktar biex jaqdi anki aktar mill-funzjoni ta' koordinazzjoni. Dan jippermetti viżjoni olistika ta' firxa wiesgħa ta' suġġetti relatati ma' diversi portafolli ta' politika u s-servizzi rispettivi tagħhom.


Il-governanza attwali tal-Unjoni Ekonomika u Monetarja hija kumplessa



Sors: Il-Kummissjoni Ewropea

B'din il-Komunikazzjoni, il-Kummissjoni qed tistabbilixxi kif Ministru Ewropew futur tal-Ekonomija u l-Finanzi jista' jkollu rwol fl-arkitettura tal-governanza tal-Unjoni Ekonomika u Monetarja. B'dan il-mod, il-Komunikazzjoni tagħti dettalji dwar il-funzjonijiet ewlenin tal-Ministru Ewropew tal-Ekonomija u l-Finanzi, tiddekrivi l-istruttura istituzzjonali li fiha jkun jopera l-Ministru u tistabbilixxi skeda ta' żmien potenzjali għat-twaqqif ta' din il-pożizzjoni ġdida. B'mod partikolari, il-Komunikazzjoni tiddekrivi l-valur miżjud tal-għaqda finali tal-funzjoni ta' Viċi President tal-Kummissjoni inkarigat mill-Unjoni Ekonomika u Monetarja ma' dik ta' President tal-Grupp tal-Euro, u tenfasizza li dan diġà jista' jinkiseb fil-qafas tat-Trattati eżistenti tal-Unjoni.

Ir-responsabbiltajiet possibbli tal-Ministru tal-Ekonomija u l-Finanzi fi stat stabbli



Sors: Il-Kummissjoni Ewropea

2. IL-FUNZJONIJIET TAL-MINISTRU EWROPEW TAL-EKONOMIJA U L-FINANZI: LI JIŻGURA L-KOERENZA U L-EFFIĊJENZA

Il-funzjonijiet ewlenin possibbli ta' Ministru Ewropew tal-Ekonomija u l-Finanzi fl-istat finali tagħhom huma stabbiliti hawn taħt. Li dawn il-funzjonijiet jinġabru flimkien jgħin biex tissaħħa il-koerenza u l-effiċjenza ġenerali tat-tfassil tal-politika ekonomika tal-UE.

Isegwi l-interess ġenerali tal-ekonomija tal-UE u taż-Żona tal-Euro u li jirrappreżentaha fil-livell dinji

Ilum, l-interess komuni tal-UE u ż-Żona tal-Euro għadu mhuwiex rappreżentat biżżejjed fid-dibattitu pubbliku u fit-teħid tad-deċiżjonijiet madwar l-Ewropa. Filwaqt li l-politika monetarja hija ċentralizzata fil-livell taż-Żona tal-Euro, il-politika baġitarja, tat-taxxa u settorjali kollha huma deċentralizzati, għax jirriflettu l-kompetenzi u ċ-ċirkostanzi nazzjonali mingħajr ma spontanament jew neċessarjament jirriflettu l-prijoritajiet kondiviżi. Il-ħruġ ta' rakkomandazzjoni dwar il-politika ekonomika taż-Żona tal-Euro fil-kuntest tas-Semestru Ewropew tejjeb il-koordinazzjoni ta' politiki taż-Żona tal-Euro f' dawn l-aħħar snin. Madankollu, l-implimentazzjoni tagħha jiddependi fuq ir-rieda kollettiva tal-Istati Membri u l-koordinazzjoni tal-linji ta' politika teħtieġ gwidar u monitoraġġ kontinwi fil-livell tal-UE.

Fl-istess ħin, l-euro stabbilixxiet ruħha bħala munita dinjija ewlenija iżda r-rappreżentanza globali tagħha għadha frammentata ferm. Minn mindu tnediet, l-euro saret it-tieni l-aktar munita użata fid-dinja. Madankollu, fl-istituzzjonijiet finanzjarji internazzjonali, bħall-Fond Monetarju Internazzjonali, iż-Żona tal-Euro mhijiex rappreżentata bħala entità unika. Tar-rappreżentanza ekonomika esterna tal-UE u taż-Żona tal-Euro bħalissa hija maqsuma, bi rwoli differenti assenjati lill-Kummissjoni, lill-Bank Ċentrali Ewropew, lill-Grupp tal-Euro u lill-Presidenza tal-Kunsill tal-UE. Din ir-rappreżentanza frammentata ħafna drabi tfisser li ż-Żona tal-Euro tinfluwenza ferm inqas mill-piż politiku u ekonomiku tagħha madwar id-dinja.

Ministru Ewropew tal-Ekonomija u l-Finanzi jista' jgħin biex jiġi promoss aħjar l-interess ġenerali tal-Unjoni u l-ekonomija taż-Żona tal-Euro, kemm internament kif ukoll fil-livell dinji. Il-kariga ta' Ministru, interlokutur fundamentali tiġi stabbilita fil-livell tal-UE fl-oqsma tal-politika ekonomika, fiskali u finanzjarja *vis-à-vis* l-istituzzjonijiet u l-korpi tal-UE, l-Istati Membri u l-pubbliku ġenerali. Il-Ministru jista' wkoll naturalment ikollu l-funzjoni ta' rappreżentanza esterna tal-euro⁶.

It-tisħiħ tal-koordinazzjoni politika u s-sorveljanza tal-regoli ekonomiċi, fiskali u finanzjarji

Il-koordinazzjoni tal-politika ekonomika u monetarja fl-UE ġiet imsaħħa b'mod sinifikanti b'konsegwenza tal-kriżi ekonomika u finanzjarja. Is-Semestru Ewropew ġie mtejjeb kontinwament biex jittrawmu r-riformi u l-implimentazzjoni tagħhom. Is-Servizz ta' Sostenn għar-Riforma Strutturali tal-Kummissjoni, li twaqqaf dan l-aħħar jipprovdni appoġġ tekniku lill-Istati Membri biex jgħin hom f'dawn l-isforzi. Dan ġie appoġġat minn aktar inizjattivi fil-livell tal-UE, inkluż dwar l-indirizzar tal-qgħad fost iż-żgħażaġh, il-ġlieda kontra l-evazzjoni tat-taxxa, u riċentement, mill-proklamazzjoni tal-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali. L-UE ħadet ukoll passi deċiżivi lejn Unjoni tas-Swieq Kapitali u t-tlestija tal-Unjoni Bankarja, li jeħtieġ jtkomplew. Madankollu, l-implimentazzjoni tar-riformi fl-Istati Membri għadha irregolari. Hemm ukoll opportunitajiet mitlufa f'termini ta' koordinazzjoni mtejjba u ta' tagħlim mingħand xulxin, u dejjem ikun hemm il-ħtieġa ta' allinjament mal-prijoritajiet nazzjonali u tal-UE fid-dawl ta' ċirkostanzi li jinbidlu.

Ministru Ewropew tal-Ekonomija u l-Finanzi jista' jgħin biex tissaħħaħ aktar il-koordinazzjoni tal-politika ekonomika u jiżgura konsistenza fl-oqsma kollha ta' politika, billi jibni fuq ix-xogħol li diġà sar mill-Kummissjoni flimkien mal-Istati Membri. F'ħidma bi djalogu bilaterali u multilaterali mill-qrib mal-awtoritajiet nazzjonali u mal-Parlament Ewropew, il-Ministru jista' jippromwovi l-koordinazzjoni u l-implimentazzjoni ta' riformi fl-Istati Membri. Peress li r-riformi strutturali jistgħu jkollhom effetti sekondarji pożittivi, il-Ministru jista' ukoll jwassal għal valur miżjud meta wieħed iħares lejn l-aġenda ottimali ta' riforma għall-UE u għaż-Żona tal-Euro kollha kemm hi⁷.

Jitkellem dwar il-politika fiskali adegwata għaż-Żona tal-Euro, b'appoġġ għall-politika monetarja tal-Bank Ċentrali Ewropew

Flimkien mal-politika monetarja, il-politika fiskali għandha rwol fl-istabbilizzazzjoni tal-ambjent makroekonomiku, filwaqt li sservi wkoll l-għanijiet usa' tas-sostenibbiltà fiskali u r-ridistribuzzjoni⁸.

Il-Kummissjoni regolarment tipprovdi rakkomandazzjonijiet lill-Kunsill dwar il-politiki fiskali tal-Istati Membri, fejn tqis il-flessibbiltà minqusa tas-sett eżistenti tar-regoli fiskali tal-UE⁹. F'dawn l-aħħar snin, il-Kummissjoni u l-Kunsill poġġew ukoll enfasi akbar fuq il-pożizzjoni fiskali aggregata taż-Żona tal-Euro, filwaqt qiesu l-interess ġenerali u r-responsabbiltà kollettiva għaż-Żona tal-Euro

⁶ Ara wkoll COM(2015) 602 final tal-21 ta' Ottubru 2015 dwar pjan ta' direzzjoni lejn rappreżentanza esterna aktar konsistenti taż-Żona tal-Euro f'fora internazzjonali u COM(2015) 603 final tal-21 ta' Ottubru 2015 dwar proposta tal-Kummissjoni għal Deċiżjoni tal-Kunsill li tistabbilixxi miżuri bl-għan li tiġi stabbilita progressivament rappreżentanza unifikata taż-Żona tal-Euro fil-Fond Monetarju Internazzjonali.

⁷ COM(2017) XXX.

⁸ Anki d-dikjarazzjoni tal-Mexxejja tal-G20 tat-8 ta' Lulju 2017 enfasizzat il-ħtieġa li tintuża l-politika fiskali — flimkien mal-politiki monetarji u strutturali — individwalment u kollettivament biex jinkiseb l-għan ta' tkabbir b'saħħtu, sostenibbli, ibbilanċjat u inklużiv, filwaqt li titjieb ir-reżiljenza ekonomika u finanzjarja.

⁹ COM(2015) 12 final, it-13 ta' Jannar 2015.

kollha kemm hi¹⁰. Madanakollu, l-implimentazzjoni b'suċċess ta' pożizzjoni fiskali aggregata xierqa għaż-Żona tal-Euro teħtieġ ir-rieda individwali u kollettiva tal-Istati Membri li jieħdu azzjoni.

Ministru Ewropew tal-Ekonomija u l-Finanzi jista' jgħin fl-identifikazzjoni u l-insewiment ta' politika fiskali adegwata għaż-Żona tal-Euro kollha kemm hi. Bħala membru tal-Kummissjoni, il-Ministru jkun jikkoordina s-sorveljanza tal-politiki fiskali tal-Istati Membri, jiżgura s-sostenibbiltà fiskali u japplika l-Patt ta' Stabbiltà u Tkabbir bl-interpretazzjoni ekonomika prevista mir-regoli. Parti minn din il-ħidma ser tkun ukoll li jivvalutata l-adeqwatezza tal-pożizzjoni fiskali taż-Żona tal-Euro, u b'hekk jikkontribwixxi biex jinstab bilanċ bejn l-interessi fiskali tal-Istati Membri u l-aħjar soluzzjoni għaż-Żona tal-Euro kollha kemm hi. Kompitu ieħor hu li jiġu promossi l-kwalità u l-kompożizzjoni tal-finanzi pubbliċi u l-funzjonament tal-oqfsa fiskali nazzjonali bil-ħsieb li jiġi mmassimizzat l-impatt tagħhom fuq l-impjiegi u t-tkabbir. B'dan il-mod, il-Ministru jibni fuq l-opinjoni tal-Bord Fiskali Ewropew¹¹ u jkun l-interlokutor ewlieni tal-kunsilli fiskali nazzjonali.

Is-sorveljanza tal-użu tal-istrumenti baġitarji tal-UE u taż-Żona tal-Euro, inklużi strumenti ta' appoġġ għar-riformi, l-istabbilizzazzjoni makroekonomika u l-konverġenza

Il-baġit tal-UE u l-istrumenti baġitarji tal-UE u taż-Żona tal-Euro diġà għandhom rwol strateġiku fl-appoġġ lill-Istati Membri tal-UE biex irawmu l-konverġenza, it-tkabbir fit-tul, l-investment u l-istabbiltà finanzjarja. Madwar nofs il-finanzjament tal-UE bħalissa huwa ffokat fuq proġetti konkreti permezz tal-ħames Fondi Strutturali u ta' Investment Ewropej. Ir-rabta bejn dawn il-fondi u l-prijoritajiet tas-Semestru Ewropew ġiet imsaħħa matul is-snin bil-għan li jappoġġaw il-prijoritajiet kondiviżi. L-azzjonijiet appoġġati mill-baġit tal-UE huma kumplementati minn għadd ta' għodod Ewropej u taż-Żona tal-Euro, bħall-Bank Ewropew għall-Investment u l-Mekkaniżmu Ewropew ta' Stabbiltà. Madankollu, il-kriżi wriet li l-istruttura u l-ambitu tal-finanzi pubbliċi tal-UE għandhom ma jkoprux għal kollox il-ħtiġijiet speċifiċi taż-Żona tal-Euro. Minkejja li l-UE u ż-Żona tal-Euro żiedu l-kapaċità tagħhom ta' għoti b'self f'dawn l-aħħar snin, il-potenzjal għall-istabbilizzazzjoni makroekonomika u biex tiġi appoġġata l-konverġenza għadhom limitati¹². B'ħarsitha 'l quddiem, illum il-Kummissjoni qed tipproponi għadd ta' strumenti baġitarji ġodda, fil-qafas tal-Unjoni, biex iż-Żona tal-Euro tkun stabbli¹³.

Il-Ministru Ewropew tal-Ekonomija u l-Finanzi se jikkoordina l-użu tal-istrumenti baġitarji rilevanti tal-UE u taż-Żona tal-Euro u jimmassimizzaw l-użu tagħhom b'appoġġ għall-prijoritajiet kondiviżi. Il-Ministru se jagħmel ħiltu biex jiżgura li dawn l-istrumenti jintużaw b'mod koerenti u effettiv u se jfittix kontinwament sinerġiji fl-implimentazzjoni tagħhom, f'kooperazzjoni mill-qrib mal-Kummissarji responsabbli u mal-awtoritajiet pubbliċi fil-livelli kollha. Kompitu partikolarment importanti se jkun li jikkoordina l-ħidma tal-Kummissjoni dwar il-Pjan ta' Investment

¹⁰ Il-“pożizzjoni fiskali” normalment tinftiehem bħala l-orjentazzjoni mogħtija lill-politika fiskali mid-deċizzjonijiet diskrezzjonarji tal-gvernijiet dwar it-taxxi u l-infiq. Hija tiddetermina r-rwol li jkollha l-politika fiskali fiċ-ċiklu ekonomiku. Jekk tkun imfassla sew, speċjalment flimkien ma' riformi u appoġġ għall-investment kif ukoll bħala għajnuna għal funzjoni ta' stabbilizzazzjoni fiskali futura, politika fiskali iktar attiva tista' tikkontribwixxi għal tnaqqis iktar mgħaġġel fil-qgħad fuq terminu qasir ta' żmien, kif ukoll biex tingħata spinta lit-tkabbir (potenzjali) fuq terminu medju fiż-Żona tal-Euro. COM(2016) 727 final, is-16 ta' Novembru 2016.

¹¹ Il-Bord huwa korp konsultattiv indipendenti għall-Kummissjoni dwar il-kwistjonijiet fiskali bil-għan li jinħoloq dibattitu pubbliku aktar infurmat u koordinazzjoni aktar b'saħħitha fil-politiki fiskali nazzjonali.

¹² Ara wkoll id-Dokument ta' Riflessjoni tal-Kummissjoni dwar il-finanzi pubbliċi tal-UE, COM(2017) 358, 28 ta' Ġunju 2017.

¹³ COM(2017) XXX.

għall-Ewropa¹⁴. F'din il-funzjoni, il-Ministru se jkun responsabbli wkoll mir-relazzjonijiet tal-Kummissjoni mal-Bank Ewropew tal-Investment.

3. ASPETTI ISTITUZZJONALI: AKKONTABBILTÀ U LEĠITTIMITÀ DEMOKRATIĊI

Il-pożizzjoni ġdida ta' Ministru Ewropew tal-Ekonomija u l-Finanzi tista' tikkontribwixxi għal aktar simplifikazzjoni tal-qafas tal-governanza tal-UE u għat-tisħiħ tad-dimensjoni Ewropea tat-tfassil tal-politika ekonomika. Il-“funzjoni doppja” prevista — membru tal-Kummissjoni u l-President tal-Grupp tal-Euro — diġà hija possibbli skont it-Trattati attwali. L-Artikolu 2 tal-Protokoll Nru 14 dwar il-Grupp tal-Euro, anness mat-Trattati, isemmi li “*il-Ministri tal-Istati Membri li l-munita tagħhom hija l-euro għandhom jeleġġu president għal sentejn u nofs, bil-maġġoranza ta' dawk l-Istati Membri*”.¹⁵ Il-Ministru mhux se johlq saff burokratiku sovrannazzjonali ġdid, u lanqas mhu se impatta l-kompetenzi nazzjonali. Billi jgħaqqad funzjonijiet eżistenti u l-għarfien espert disponibbli fil-livell tal-UE, il-Ministru jgħin biex jinħolqu sinerġiji u b'hekk jikkontribwixxi għal qafas ta' governanza aktar effiċjenti.

Il-Ministru bħala Viċi President tal-Kummissjoni

Minħabba r-rwol istituzzjonali tal-Kummissjoni bħala l-promotur tal-interess ġenerali, ir-rwol ta' Ministru tal-Ekonomija u l-Finanzi jista' jieħdu Viċi President tal-Kummissjoni Dan jippermetti l-ħolqien ta' rappreżentant unifikat u b'mandat viżibbli tal-interessi ekonomiċi u fiskali fl-UE kollha u taż-Żona tal-Euro, li jservi wkoll bħala punt ta' referenza ewlieni ġewwa u barra l-Kummissjoni. Il-Ministru jista' tidderieġi u jikkoordina l-ħidma ta' diversi portafolli u s-servizzi politiċi fil-Kummissjoni kollha. Hu/hi j/tirrappreżenta lill-Kummissjoni fil-laqgħat tal-Kunsill Governattiv tal-Bank Ċentrali Ewropew, mingħajr id-dritt li jivvota. Hu/hi j/tkun responsabbli wkoll mid-djalogo soċjali fil-livell tal-UE u mill-interazzjoni ma' partijiet konċernati ewlenin.

Il-Ministru bħala President tal-Grupp tal-Euro

Il-Ministru Ewropew tal-Ekonomija u l-Finanzi jista' jiġi elett bħala President tal-Grupp tal-Euro, bil-ħsieb li jiġu kkunsidrati l-interessi taż-Żona tal-Euro kollha kemm hi. Il-Grupp tal-Euro sa issa kien jiġi ppresedut minn ministru tal-finanzi ta' Stat Membru taż-Żona tal-Euro. Bħala President tal-Grupp tal-Euro, il-Ministru jkun preżenti u jfittex kunsens dwar id-direzzjoni wiesgħa tal-politika u l-istrateġija ġenerali għaż-Żona tal-Euro, billi jgħin biex jibbilanċja u jallinja l-punti di vista tal-ministri nazzjonali mal-prijoritajiet kondiviżi fil-livell taż-Żona tal-Euro u tal-UE. Il-Ministru jiżgura wkoll tħejjija koerenti tal-laqgħat tas-Summit taż-Żona tal-Euro.

Ir-rwol tal-Grupp tal-Euro u l-President tiegħu matul iż-żmien

¹⁴ Il-pjan ta' Investment għall-Ewropa ġie mniedi mill-Kummissjoni flimkien mal-Bank Ewropew tal-Investment bl-għan li jiġu stimulati l-investment privat fl-ekonomija tal-UE u biex jiġu indirizzati l-ostakli għall-investment, u l-ewwel riżultati sinifikanti nkisbu b'EUR 251 biljun f'investimenti mobilizzati s'issa.

¹⁵ Il-Ministri tal-Grupp tal-Euro se jkollhom bżonn biss li jibdlu l-metodi ta' ħidma tagħhom, li jiġu miftiehma informalment, permezz ta' maġġoranza sempliċi. Dawn il-metodi ta' ħidma attwalment jipprevedu li l-kandidati għall-kariga ta' President irid ikun Ministru nazzjonali ta' finanzi.

Il-Grupp tal-Euro hu korp informali fejn il-ministri tal-finanzi tal-Istati Membri taż-Żona tal-Euro jiddiskutu kwistjonijiet b'rabta mar-responsabbiltajiet kondiviżi tagħhom fir-rigward tal-euro. Ix-xogħol prinċipali tiegħu hu li jiżgura koordinazzjoni mill-qrib tal-politiki ekonomiċi tal-Istati Membri taż-Żona tal-Euro, b'rispett sħiħ għas-setgħat mogħtija lill-Kunsill skont l-Artikolu 121 TFUE.

Il-Kunsill Ewropew approva l-ħolqien tal-Grupp tal-Euro fit-13 ta' Diċembru 1997¹⁶. F'riżoluzzjoni dwar il-koordinazzjoni tal-politika ekonomika, il-Kunsill ikkonkluda li "il-Ministri tal-Istati Membri li qed jieħdu sehem fiż-Żona tal-Euro jistgħu jiltaqgħu bejniethom b'mod informali biex jiddiskutu kwistjonijiet marbuta mar-responsabbiltajiet speċifiċi komuni tagħhom għall-munita unika." Il-Grupp tal-Euro kellu l-ewwel laqgħa tiegħu fit-4 ta' Ġunju 1998. Fl-ewwel snin tiegħu, il-Grupp tal-Euro kien ippresedut mill-Presidenza tal-Kunsill b'rotazzjoni, ħlief meta l-Presidenza tal-Kunsill kienet ta' Stat Membru mhux taż-Żona tal-Euro, f'liema każ il-President kien ikun mill-pajjiż taż-Żona tal-Euro li jmiss li jkollu l-Presidenza tal-Kunsill.

Fl-10 ta' Settembru 2004, il-Grupp tal-Euro ddeċieda li jkollu President permanenti, maħtur għal perjodu ta' sentejn. F'laqgħa informali tal-ECOFIN f'Scheveningen, in-Netherlands, Jean-Claude Juncker kien ġie elett bħala l-ewwel President permanenti tal-Grupp tal-Euro.

Protokoll Nru 14 dwar il-Grupp tal-Euro daħal fis-seħħ bit-Trattat ta' Lisbona fl-1 ta' Diċembru 2009.

Huwa jistipula li l-Ministri tal-Istati Membri li l-munita tagħhom hija l-euro għandhom jiltaqgħu b'mod informali biex jiddiskutu kwistjonijiet marbuta mar-responsabbiltajiet speċifiċi li huma jaqsmu fejn tidħol il-munita unika u għandu jaħtru President għal sentejn u nofs b'magħġoranza sempliċi tal-voti.

Minn Ottubru 2008 bdew isiru laqgħat regolari, il-Kapijiet tal-Istat jew tal-Gvern taż-Żona tal-Euro. Fil-laqgħa tagħhom tal-26 ta' Ottubru 2011, il-Kapijiet ta' Stat jew ta' Gvern qablu li d-deċiżjoni dwar jekk il-President tal-Grupp tal-Euro għandux jiġi elett minn fost il-membri tiegħu jew ikun President full-time ibbażat fi Brussell se tittieħed wara li jiskadi l-mandat tal-persuna attwalment fil-kariga." Ġie maqbul ukoll li l-Grupp ta' Ħidma tal-Grupp tal-Euro jħejji l-laqgħat tal-Grupp tal-Euro, abbażi tal-għarfien espert ipprovdut mill-Kummissjoni. Barra minn hekk, ġie ċċarat li l-Grupp ta' Ħidma tal-Grupp tal-Euro se jkun ippresjedut minn President full-time ibbażat fi Brussell, eletti, fil-prinċipju, fl-istess ħin li jiġi elett il-president tal-Kumitat Ekonomiku u Finanzjarju, għal perjodu ta' sentejn, li jista' jiġi estiż.¹⁷

Il-Grupp tal-Euro jista' b'mod informali jaqbel li jaħtar lill-Ministru bħala l-President tiegħu għall-perjodu kollu tal-mandat tal-Kummissjoni. Dan ikun kompatibbli mad-dmirijiet tal-Ministru bħala membru tal-Kummissjoni, ikun jirrappreżenta l-interess ġenerali, u ma jkunx jeħtieġ revizzjoni tat-Trattat. Lil hinn minn dawn il-prattiki, is-sinkronizzazzjoni istituzzjonali sħiħa bejn il-Ministru u l-mandati tal-Kummissjoni tkun teħtieġ emenda fit-Trattat. B'din il-kombinazzjoni ta' funzjonijiet, il-Kummissjoni ma tibqax tkun rappreżentata b'mod separat fil-Grupp tal-Euro.

Il-Ministru Ewropew ikun megħjun, fit-tħejjija tal-laqgħat tal-Grupp tal-Euro. mill-President permanenti tal-Kumitat Ekonomiku u Finanzjarju / Grupp ta' Ħidma tal-Grupp tal-Euro u minn Segretarjat li jibni fuq l-għarfien espert kollu disponibbli, filwaqt li jiġi żgurati li ma jinħolqux strutturi addizzjonali jew duplikati¹⁸.

¹⁶ Il-konklużjonijiet tal-Presidenza tal-Kunsill Ewropew, il-Lussemburgu, it-12–13 ta' Diċembru 1997.

¹⁷ F'Mejju 2013, Franza u l-Ġermanja wkoll ippreżentaw dokument konġunt "Flimkien għal Ewropa ta' Stabbiltà u Tkabbir aktar b'saħħtu". Dan ippropona li tissaħħaħ il-governanza taż-Żona tal-Euro "wara l-elezzjonijiet Ewropej li jmiss. [...] Dan jista' jinkludi: [...] President full-time għall-Grupp tal-Euro".

¹⁸ Il-ħidma tal-Grupp tal-Euro titħejja mill-Grupp ta' Ħidma taż-Żona tal-Euro (Euro area Working Group - EWG). L-EWG huwa ppresedut minn president permanenti li ilu bbażat fi Brussell mill-2012. Il-President

Il-Ministru jissorvelja x-xogħol tal-Fond Monetarju Ewropew

Il-President tal-Grupp tal-Euro attwalment jippresjedi l-Bord tal-Gvernaturi tal-Mekkaniżmu Ewropew ta' Stabbiltà. Dan tal-aħħar twaqqaf matul il-kriżi fuq bażi intergovernattiva bħala mod kif jingħata appoġġ lil dawk l-Istati Membri li qed jiffaċċjaw diffikultajiet finanzjarji. Filwaqt li tibni fuq il-Mekkaniżmu Ewropew ta' Stabbiltà, illum il-Kummissjoni qed tipproponi li tintegra l-Fond Monetarju Ewropew fil-qafas legali tal-Unjoni¹⁹.

Bħala President tal-Grupp tal-Euro, il-Ministru mbaġhad ikun jippresiedi wkoll il-Bord tal-Gvernaturi tal-Fond Monetarju Ewropew. B'hekk, il-Ministru jeżerċita rwol newtrali, b'kont meħud tal-interessi tal-partijiet konċeranti tal-Fond Monetarju Ewropew b'mod ibbilanċjat.

Akkontabbiltà lejn il-Parlament Ewropew

Il-Kummissjoni hija akkontabbli lejn il-Parlament Ewropew. Il-membri tal-Kummissjoni huma wkoll jinvoluti b'mod attiv mal-Parlament Ewropew dwar kwistjonijiet ekonomiċi u fiskali, b'mod partikolari permezz tad-Djalogi Ekonomiċi stabbiliti fil-leġiżlazzjoni tas-“Six-Pack” u tat-“Two-Pack”²⁰. Tal-Grupp tal-Euro u l-Mekkaniżmu Ewropew ta' Stabbiltà jimpenjaw ruħhom mal-Parlament Ewropew fuq bażi volontarja.

Il-Ministru jkun akkontabbli lejn il-Parlament Ewropew dwar il-kwistjonijiet kollha relatati mal-funzjonijiet tiegħu u jkun ukoll disponibbli għal djalogu mal-Parlamenti nazzjonali. Bħala membru tal-Kulleġġ tal-Kummissarji, il-Ministru jkun soġġett għal smiġħ mill-Parlament Ewropew. Wara vot ta' kunsens, il-Ministru jinħatar bħala parti mill-Kulleġġ tal-Kummissjoni. Il-Ministru jkompli jkollu djalogu regolari mal-Parlament Ewropew u mal-Parlamenti nazzjonali. Barra minn hekk, skont il-proċess eżistenti biex jiġu eżaminati l-Abbozzi tal-Pjanijiet Baġitarji tal-Istati Membri taż-Żona tal-Euro, il-Parlamenti nazzjonali jistgħu jitolbu lill-Ministru biex jippreżenta l-opinjoni tal-Kummissjoni dwar l-Abbozz tal-Pjan Baġitarju rispettiv tagħhom.

4. KONKLUŻJONIJIET

Il-Kummissjoni tqis li l-pożizzjoni ta' Ministru Ewropew tal-Ekonomija u l-Finanzi tkun element istituzzjonali importanti għal aktar governanza ekonomika koerenti, effettiva u akkontabbli tal-Unjoni Ewropea.

Hija ssejjaħ lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill, kif ukoll lill-Istati Membri, biex jirriflettu dwar l-ideat espressi f'din il-Komunikazzjoni, bil-ħsieb li jinbena fehim komuni fil-kuntest tad-diskussjoni dwar l-approfondiment tal-Unjoni Ekonomika u Monetarja prevista fl-Aġenda ta' Leader.

tal-EWG, li huwa ospitat fil-Kunsill, huwa meġhun minn persunal fis-segretarjat ipprovdut u bbażat fil-Kummissjoni. Din l-organizzazzjoni bilanċjat uriet li hija utli u effiċjenti u tista' tiġu riveduta mal-ħolqien tal-Ministru Ewropew tal-Ekonomija u l-Finanzi.

¹⁹ COM(2017) XXX.

²⁰ Ir-Regolamenti (UE) Nri 1173/2011, 1174/2011, 1175/2011, 1176/2011, 1177/2011, 472/2013 u 473/2013.

Fit-Trattati eżistenti, pożizzjoni bħal din tista' tinħoloq b'mod sekwenzjali, skont l-iskeda ta' żmien li ġejja:

- Il-funzjoni tal-Ministru bħala Viċi President tal-Kummissjoni jista' jiġi stabbilit bħala parti mill-ħatra tal-Kummissjoni li jmiss minn Novembru 2019.
- Il-Grupp tal-Euro jista' b'mod informali jaqbel li jeleġġi lill-Ministru bħala l-President tiegħu għal żewġ mandati konsekuttivi, biex b'hekk jallinja l-mandat tiegħu mal-mandat tal-Kummissjoni.

Dawn l-arranġamenti jistgħu jiġu kkonsolidati u jsiru permanenti fi stadju aktar tard.